MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru. 17/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Ryan Lee Spiteri, ta’ 17-il sena bin Paul u Maria nee’ Demanuele,**
**imwieled Awstralja fit-3 ta’ Mejju 1989 u joqghod ‘Koala Bear’,**
**Triq Guzeppi Cauchi, Ghajnsielem, detentur tal-karta tal-identita’ numru 15600(L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Ryan Lee Spiteri li gie akkuzat talli fl-10 ta’ Jannar, 2005 wara nofs inhar, fl-Mgarr, Ghawdex, ikkommetta reat ta’ serq ta’ oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAA-083 tal-ghamla Seat Ibiza ta’ kulur abjad, ghad-detriment ta’ Sandro

Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271, u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ oggetti misruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta’ Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fid-19 t’Awwissu 2004 fl-Mgarr Ghawdex, ikkommetta reat ta’ serq ta’ oggetti minn vetturi bin-numru tar-registrazzjoni EBD-374 tal-ghamla Citroen vann ta’ kulur abjad, ghad-detriment ta’ James Camilleri min-Nadur Ghawdex, liema serq hu aggravate bix-xorta tal-haga misruqa ai termini tal-Artikoli 261, 271, u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ ’l hawn fuq imsemmija oggett ghad-detriment ta’ James Cardona min-Nadur Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat talli fis-17 t’Ottubru 2004 fl-Imgarr Ghawdex, ikkommetta r-reat ta’ serq ta’ oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB-071 tal-ghamla Mini Minor ta’ kulur ahdar, ghad-detriment ta’ John Martin Spiteri mix-Xewkija Ghawdex, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271 u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom

jew imexxihom, u cioe’ oggett msruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta’ John Martin Spiteri mix-Xewkija, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap, 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat talli matul il-lejl tal-31 ta’ Dicembru 2004 u l-1 ta’ Jannar 2005 fil-Qala Ghawdex, ikkommetta ir-reat ta’ serq ta’ mutur bin-numru tar-registrazzjoni FBD-318 tal-ghamla Yamaha Bop ta’ kulur ahmar, ghad-detriment ta’ Jason Vella mill-Qala Ghawdex, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271 u 281, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ oggett misruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta’ Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;
Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat Ryan Lee Spiteri ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Semghet illi l-imputat irriafferma l-ammissjoni tieghu u dana wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. izda dwar ir-reat ta’ ricettazzjoni, mill-provi

migjuba mill-Prosekuzzjoni dan ir-reat ma giex ippruvat u kwindi l-imputat qed jigi liberat mill-istess;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fedina penali netta tieghu. Il-Qorti sejra tkun klementi mal-imputat peress illi din hija l-ewwel darba illi huwa xellef difrejh mal-gustizzja u sabiex huwa jinghata opportunita' jirrealizza illi t-triq tad-delinkwenza ma tistax iggib l-ebda frott f'hajtu;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 271 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda fuq ammissjoni ta' l-imputat issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza dwar ir-ricettazzjoni li minnha qed jigi liberat, izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tillibera lill-hati bil-kundizzjoni illi huma ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------